



Dokument ta' sessjoni

B8-0129/2018

28.2.2018

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-tmexxija tal-impriżi

Salvatore Domenico Pogliese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-tmexxija tal-impriżi

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi mingħajr parteċipazzjoni effettiva tal-ħaddiema fl-għażliet strateġiċi tal-impriżi se jkun diffiċli li jiżdiedu l-impjiegi u li tissaħħaħ l-ekonomija Ewropea;
- B. billi l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-tmexxija tal-impriżi tiffavorixxi r-responsabilizzazzjoni soċjali tal-impriżi u l-valorizzazzjoni tax-xogħol bħala suġġett u mhux bħala oġġett tal-ekonomija;
- C. billi l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fakkar li huwa siewi li l-ħaddiema jiġu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fit-tmexxija tal-kumpanija biex isir użu tajjeb minn forom ġodda ta' organizzazzjoni ta' xogħol u jiġi antiċipat it-tibdil ekonomiku;
- D. billi l-Unjoni Ewropea, skont l-Artikoli 5, 114, 115, 151 u 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) tista' tappoġġa u tintegra l-attivitajiet tal-Istati Membri relatati mal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi pakkett ta' miżuri leġiżlattivi maħsuba biex jippromwovu fl-Unjoni Ewropea kollha parteċipazzjoni akbar tal-ħaddiema fit-tmexxija tal-impriżi.